MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 109/2004/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Charmaine Agius gja Sciberras u Jesmond Sciberras**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Ottubru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza parzjali fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sitta u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm846.90), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-

numru 2125 2480 (skond kif jirrizulta mid-dokument anness mal-avviz u mmarkat Dok.A u Dok.B).
Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-4 ta' Frar, 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenut Jesmond Sciberras stante illi :
i. is-socjeta` attrici m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut Jesmond Sciberras u dan peress illi kienet il-konvenuta Charmaine Agius illi ordnat u ghamlet uzu mis-servizz li ghalih qed jintalab il-hlas minghajr il-kunsens tal-konvenut kif jirrizulta mill-ittra Dok.A annessa mar-risposta ;
ii. illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu l-ammont pretiz huwa esagerat.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta Charmaine Agius fil-11 ta' Frar, 2004, fejn intqal :
illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici m'huwiex dovut mill-konvenuta li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
Illi l-kont tat-telefon 21 252480 jirreferi ghall-linja tat-telefon li tinsab gewwa l-fond 123 Vincenzo Bugeja Street, hamrun, li kienet d-dar konjugali taz-zewg konvenuti;
Illi l-konvenuta telqet minn dan il-fond fid-29 ta' April, 2002, u konsegwentement hija ma setghetx tuza din il-linja tat-telefon kif ser jirrizulta ahjar tul il-mori tal-kawza;
Illi a tenur ta' kuntratt ta' separazzjoni kkuntrattat bejn il-partijiet il-kontijiet tat-telefon huma a karigu tal-konvenut l-iehor Jesmond Sciberras sa mill-1 ta' Mejju, 2002 l-quddiem kif ser jigi pruvat tul il-mori tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda tal-PL Noel Scerri, u ta' Jesmond Sciberras. Ra l-affidavit ta' Charmaine Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ghall-kont tat-telefon a bazi ta' applikazzjoni maghmula f'isem Charmaine Sciberras datata 12 ta' Jannar, 2001, Dok.A.

2. Irrizulta li l-konvenuti kienu sseparaw fit-12 ta' Novembru, 2002, u dana skond il-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, Dok.JS.

3. Skond il-kuntratt ta' separazzjoni, gie specifikat fi klawsola 7 is-segwenti: "Il-kont tat-telephone numru … … … (21252480) jkunu a karigu tal-mara hlief ghall-*calls* li jista' talvolta jirrizulta li ghamel ir-ragel u f'dak il-kaz ihallashom hu."

4. It-telefonati in kwistjoni jirrigwardaw il-perjodu mill-11 ta' Mejju, 2002 sal-25 ta' Settembru, 2003.

5. Skond ma xehed il-konvenut, il-gurnata li telqet il-konvenuta mid-dar it-telefon inqata'. Li jaf bic-cert hu li l-konvenuta telqet f'Mejju, 2002. Dana jikkombacja ma dak li qalet il-konvenuta fl-affidavit taghha, meta tghid li telqet mid-dar fid-19 ta' April, 2002, pero` ma hemm ebda prova li l-linja nqatghet meta telqet il-konvenuta.

6. F'dan il-kuntest ma giex pruvat li t-telefonati rigwardanti l-kont in kwistjoni saru mill-konvenuta, izda f'perjodu meta hi kienet gja telqet. Ghalkemm il-konvenut jichad kategorikament li qatt ghamel telefonati, mill-kumpless tal-provi jirrizulta xort'ohra.

7. Fl-isfond ta' dak li ntqal jirrizulta li ghat-telefonati ghandu jaghmel tajjeb biss il-konvenut Jesmond Sciberras, u dana in kwantu hu biss seta' ghamel dawk it-telefonati, u peress illi kif gie stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni hu ghandu jhallas ghat-telefonati li jkun ghamel.

8. Dwar l-ammont mitlub, dan ma jirrizultax li hu esagerat, kif qed jigi allegat, anzi jirrizulta ampjament dovut l-ammont imsemmi mir-rendikont Dok.B.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata fil-konfront tal-konvenut Jesmond Sciberras, it-Tribunal jillibera lill-konvenuta Charmaine Agius mill-osservanza tal-gudizzju, u jikkundanna lill-konvenut Jesmond Sciberras ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija

u sitta u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm846.90) bl-imghax legali mill-24 ta' Jannar, 2004.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Jesmond Sciberras. Huwa jikkontendi illi t-Tribunal ivvjola l-principju ta' l-*audi alteram partem* meta injora l-ewwel eccezzjoni tieghu tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici. Jikkonstesta wkoll lit-Tribunal il-fatt li dan skarta x-xhieda tieghu li hu ma kienx ghamel uzu mit-*telephone* u li s-servizz tieghu gie kancellat ftit wara li martu telqet mill-fond;

Qabel xejn, ghall-ahjar elucidazzjoni hu mehtieg li jigu esposti l-fatti kif jermergu mill-atti processwali u li taw lok ghall-kawza:-

(i) Mid-dokument esebit a fol. 2 mis-socjeta` attrici jirrizulta li kienet il-konvenuta Charmaine Agius, gja mart l-appellanti u minnu separata, li applikat ghas-servizz tat-*telephone*;

(ii) Effettivament il-koppja sseparat permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Novembru 2002 (fol. 25). Jigi ghalhekk li fil-mument li saret l-azzjoni (19 ta' Jannar 2004) il-konvenuti kienu gja separati;

(iii) Skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni kien appattwit f' para. 7 tieghu illi "l-kont tat-telephone Numru 21252480 jkun a karigu tal-mara hlief ghall-*calls* li jista' talvolta jirrizulta li ghamel ir-ragel u f' dak il-kaz ihallashom hu";

(iv) Is-socjeta` attrici pprezentat kont dettaljat a fol. 6. Kif spjegat mix-xhud Paul Busuttil quddiem din il-Qorti s-sejhiet li saru, u li taghhom intalab il-hlas, jirreferu ghal perijodu mill-1 ta' Marzu 2002 sat-30 ta' April 2002;

(v) Fl-eccezzjoni taghha l-konvenuta Charmaine Agius tghid li hi telqet mid-dar konjugali fid-29 ta’ April 2002. Tissokta tiddikjara mbaghad fl-Affidavit taghha (fol. 34) illi hi ma riedetx thallas il-kont peress illi skond hi t-telefonati saru mill-1 ta’ Mejju 2002 ‘il quddiem;

Precizati dawn il-fatti, jinghad qabel xejn illi r-rabta kontrattwali rizultanti mid-dokument a fol. 2 kien bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuta Charmaine Agius. Minn dan jemergi li kienet din il-konvenuta s-*subscriber* maghrufa u allura, *qua* utenti, responsabbli ghall-kontijiet. Dan in konformita` mar-regolamenti li jiggvernaw l-operazzjonijiet tas-socjeta` attrici. Dan hu hekk rikonoxxut mir-rapprezentant ta’ l-istess socjeta` attrici fejn xehed illi kienet giet interpellata ghall-hlas din il-konvenuta peress illi s-servizz tat-*telephone* kien moghti fuq it-talba taghha. Ara xhieda ta’ PL Noel Scerri a fol. 22;

Issa m’ hemmx dubju illi gjaladarba s-sottoskrizzjoni ghas-servizz telefoniku saret fil-kors taz-zwieg bejn il-konvenuti u allura, ex-Artikolu 1327, Kodici Civili, id-dejn ghall-uzu ta’ l-istess servizz kien piz tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, il-konvenuti, *rebus sic stantibus*, kienu responsabbli ghas-sodisfaciment tieghu bil-hlas opportun di fronte ghas-socjeta` attrici. Minn din l-ottika kien immaterjali jekk kienetx il-konvenuta wahidha li ghamlet uzu esklussiv ta’ dan is-servizz mil-linja telefonika in kwestjoni;

Naturalment it-Tribunal ma setax jinjora l-fatt tas-separazzjoni u ta’ dak appattwit bejn il-konvenuti fil-kuntratt tal-firda ta’ bejniethom. Effettivament mill-qari tas-sentenza mpunjata ma jistax jinghad illi t-Tribunal ma pprestax attenzjoni lit-termini ta’ dak il-kuntratt. L-izball li gie ndott fih it-Tribunal ma kienx dan izda l-konsiderazzjoni li ghamel tal-kont esebit mis-socjeta` attrici. Huwa telaq mill-presunzjoni illi gjaladarba l-hlas mitlub kien jikkoncerna l-perijodu mill-11 ta’ Mejju 2002 sal-25 ta’ Settembru 2002, *ergo* l-appellanti wahdu kien responsabbli ghall-hlas fl-ambitu tal-kuntratt ta’

separazzjoni.  Tali zball ma kienx jokkorri kieku t-Tribunal kellu spjegazzjoni cara ta’ dak il-kont. Kien ghal din ir-raguni li din il-Qorti nsistiet li jkollha kjarifika dwaru;

Ottenuta din il-kjarifika jidher li l-ilment ta’ l-appellanti hu wiehed gustifikat.  Dan hu suffragat mix-xhieda ta’ Paul Busuttil li ghan-nom tas-socjeta` attrici spjega, anke permezz tal-kont esebit minnu, illi s-sejhiet meritu tal-hlas reklamat dwarhom saru bejn l-1 ta’ Marzu 2002 u t-30 ta’ April 2002.  Minn din l-informazzjoni issa huwa lecitu li jinghad illi b’ applikazzjoni ta’ l-arrangament akkordat bejn il-konvenuti fil-kuntratt ta’ separazzjoni l-konvenuta Charmaine Agius assumiet l-oneru li taghmel tajjeb ghall-hlas tieghu.  Konsegwentement hi ma tistax tkompli tinsisti li tikkontesta li thallas fuq l-assunt li t-telefonati saru mill-1 ta’ Mejju 2002 ‘il quddiem.  Hu car illi s-sejhiet saru meta hi kienet ghadha tirrisjedi fid-dar konjugali u allura, apparti l-fatt li ma tistax lanqas tghid li t-telefonati ma ghamlithomx hi, l-istess kienet assumiet l-obbligu li thallas il-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici;

Fl-isfond ta’ dan il-kwadru l-konvenuta ma kellhiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.  Dan iwassal lil din il-Qorti biex tiddisturba l-apprezzament li ghamel it-Tribunal.  Dan fis-sens illi qed takkolji l-appell interpost, una volta li gie stabblit li dan hu sew sostenut.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell migjub mill-konvenut Jesmond Sciberras u b’ hekk tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li kkundannatu jhallas l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici.  In bazi ghall-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380 qed tordna invece li l-kreditu azzjonat ghandu jitbata mill-konvenuta Charmaine Agius bl-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------